MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 177/2007

**David Wallbank (ID Nru. 353552M) u Antoine Galea (ID Nru. 471868M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` SG Solutions Limited [C5521]**

***kontra***

**L-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici, u b`digriet tal-25 ta` Gunju 2008 minflok il-kliem "L-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici" dahlu l-kliem "L-Onorevoli Tonio Fenech bhala l-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment" ;**

**Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti ;**

***u***

**d-Direttur tal-Awtorita` dwar it-Trasport**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Frar 2007 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti nomine huma rapprezentanti tas-socjeta` SG Solutions Limited [C5521].*

*2. Illi permezz tal-avviz ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern u tal-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta` Settembru 2005, id-Dipartiment tal-Kuntratti ghamel sejha ghal tenders taht il-progett imsejjah "Invitation to Tender to Develop, Install and Operate a Controlled Vehicular Access System in Valletta"*

*3. Illi SG Solutions Limited [C5521] tefghet offerta ghall-kuntratt ghall-izvilupp, installar u operat rigwardanti l-access ikkontrollat tal-veikoli gewwa l-Belt, Valletta [CT/R/7/2005] ;*

*4. Illi l-esponenti nomine wara li tefghu l-offerta taghhom ma nghataw l-ebda informazzjoni ulterjuri relatata mal-offerta taghhom ;*

*5. Illi fl-ahhar stadju tal-evalwazzjoni, u cioe` fl-istadju tal-evalwazzjoni finanzjarja, l-esponenti nomine gew infurmati verbalment u dana wara li huma talbu informazzjoni dwar l-istatus tal-offerta taghhom, illi l-offerta taghhom kienet giet skwalifikata ;*

*6. Illi r-raguni li nghatat ghall-iskwalifika kienet illi skont id-Dipartiment tal-Kuntratti l-ammonti kwotati ghal items 2 u 3 tal-offerta finanzjarja kienet fuq bazi per annum u mhux Lump Sum ;*

*7. Illi l-esponenti nomine ma gewx avzati b`din l-iskwalifika u dana kif inhu rikjest a bazi tar-Regolament 82(3) tal-Avviz Legali 177/2005, li jirrikjedi li kwalunkwe decizjoni li twassal ghall-iskartar ta` tender ghandha tigi ppubblikata u t-tenderer ghandu jigi nfurmat fi zmien jumejn b`dina d-decizjoni ;*

*8. Illi dan in-nuqqas da parti tad-Dipartiment tal-Kuntratt gie ufficjalment ikkonfermat mill-Public Contracts Appeals Board fid-decizjoni tat-23 ta` Awwissu 2006, jigifieri li "The PCAB noted that whilst complainant was verbally informed about the decision on the 15th June 2006, yet once the offer was discarded, the affected tenderer should have been notified of the decision within a designated time frame as contemplated in the pertinent agreement" ;*

*9. Illi n-notifika fi zmien previst mir-Regolament 82(3) tal-Avviz Legali 177/2005 hija ntiza sabiex it-tenderer in kwistjoni jkollu rimedju effettiv u dana billi jikkontesta l-iskwalifika qabel ma ssir ir-rakkomdazzjoni tat-tenderer preferut u mhux wara kif sar f`dan il-kaz ;*

*10. Illi dan in-nuqqas lampanti da parti tad-Dipartiment tal-Kuntratti kien ta` pregudizzju kbir lill-esponenti nomine – tant hu hekk illi qabel ma l-esponenti nomine kellhom l-opportunita` jressqu l-ilment taghhom quddiem il-Public Contracts Appeals Board, id-Direttur tal-Kuntratti rrakkomanda li l-kuntratt jinghata lill-offerent iehor u cioe` lil CVA Consortium ;*

*11. Illi per konsegwenza ta` dan l-agir leziv da parti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, l-esponenti nomine gew imcahda minn rimedju effettiv kif rikjest mil-ligi u dan kien ta` pregudizzju ghall-interessi vigenti taghhom ;*

*12. Illi in segwitu, b`ittra datata 19 ta` Gunju 2006, l-esponenti nomine oggezzjonaw ghal dawn in-nuqqasijiet tad-Dipartiment tal-Kuntratti u ghall-iskwalifika u hallset depositu ta` hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) biex tintavola l-ilment taghha ;*

*13. Illi f`seduta tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici mizmuma fis-26 ta` Lulju 2006, tressqu s-sottomissjonijiet dwar l-iskwalifika ;*

*14. Illi gie rilevat preliminarjament illi t-tender tittratta dwar access ghall-Belt Valletta u dana johrog car mill-Klawzoli 2.3.1 u 3.1 tat-Tender li jistipulaw li "The Project as envisaged is limited to the Charging Zone identified in Drawing 1" cioe` Valletta ;*

*15. Illi fuq iz-Zona tal-Belt, l-offerta tal-esponenti nomine kienet ta` erba` mija wiehed u sebghin elf Liri Maltin, hames mija u tmintax-il Lira Maltija (Lm 471,518) fis-sena, filwaqt li l-offerta tal-consortium preferut kienet ta` seba` mija disgha u erbghin elf Lira (Lm 749,000) fis-sena, u cioe` disgha u hamsin fil-mija (59%) oghla ;*

*17. Illi dwar il-Furjana, li sussegwentement b`decizjoni tal-Gvern giet eskluza mill-progett, l-esponenti nomine kkwotat somma ta` ta` mitejn elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm 200,600) fis-sena ghall-perjodu massimu ta` ghaxar (10) snin imma, minkejja dan, id-Dipartiment tal-Kuntratti ddecieda li din mhix Lump Sum u b`hekk l-offerta ma tistax tigi evalwata !*

*18. Illi l-esponenti nomine ghamlu sottomissjonijiet fis-sens illi l-kuncett tal-Lump Sum hu marbut mal-modalita` tal-pagament u mhux mal-komputazzjoni tal-ammont u li taghmel komputazzjoni biex tasal ghal somma definita ma teskludix il-kuncett tal-Lump Sum u fil-fatt fil-gurisprudenza nostrana l-kuncett tal-Lump Sum ma jeskludix li jsiru komputazzjonijiet ;*

*19. Illi sussegwentement b`decizjoni tat-23 ta` Awwissu 2006, il-Bord tal-Appell qabel mal-interpretazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li Lump Sum hija "a determinate and specific amount without the need of any further form of computation to arrive at the quantum" ;*

*20. Illi din hija nterpetazzjoni zbaljata li mhijiex sorretta mill-gurisprudenza nostrana ;*

*21. Illi d-Direttur tal-Kuntratti naqas milli jevalwa l-offerta tal-esponenti nomine meta facilment seta` jaghmel dan ;*

*22. Illi bhala konsegwenza ta` dan, il-Gvern u l-Awtorita` dwar it-Trasport ser ihallsu spiza addizzjonali ta` zewg miljuni seba` mija erbgha u sebghin elf, seba` mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm 2,774,720) il-ghaliex l-offerta tal-esponenti nomine ghall-Furjana (li issa ma taghmilx parti mill-process ghall-access tal-Belt) giet espressa bhala mitejn elf u sitt mija (Lm 200,600) fis-sena ghall-perjodu massimu ta` ghaxar snin, flok cifra ta` zewg miljuni u sitt elef li ma tirrikjedix komputazzjoni (Lm 2,006,000) ;*

*23. Illi jinghad ukoll illi l-esponenti nomine permezz ta` ittra datata 11 ta` Settembru 2006 talbu lic-Chairman tal-Public Contracts Appeal Board transcript tax-xhieda tad-Direttur tal-Kuntratti li xehed fis-seduta tas-26 ta` Lulju 2006, liema xhieda hija rilevanti ghall-fini ta` dawn il-proceduri. Din ir-rikjesta legittima da parti tal-esponenti nomine giet arbitrarjament irrifjutata permezz ta` ittra spiccjativa datata 5 ta` Ottubru 2006 fejn iddikjaraw illi "... please be informed that it is not normal practice for this Board to produce transcripts of recordings made of public hearing sessions. As a consequence, it is not possible for the Board to accede to your request."*

*24. Illi l-Public Contract Appeals Board irrikonoxxa l-fatt illi xi argumenti migjuba mill-esponenti nomine kienu fondati u ta` min jikkunsidrahom u jevalwahom "Certain points raised by the appellant`s legal representative, such as the possible long term cost saving to the Contracting Party if one were to select their offer, may, subject to further verification, hold a certain element of truth ..." ;*

*25. Illi l-imsemmi Bord kompla li, "The extent of viability of opting for one condition or other may be considered within a different forum but certainly not by this Board at this stage" ;*

*26. Illi d-drittijiet tal-esponenti nomine gew lezi u dawna sofrew danni ngenti b`konsegwenza tal-ksur tar-regolamenti da parti tad-Direttur tal-Kuntratti, u bl-iskwalifika skorretta tal-offerta taghhom ;*

*27. Illi permezz ta` protest gudizzjarju datat 1 ta` Settembru 2006, l-esponenti nomine ddiffidaw lill-intimati milli jkomplu bl-esekuzzjoni tal-ghotja tat-tender qabel ma ssir ri-evalwazzjoni tal-offerti mill-forum kompetenti u li ghandu l-jedd u l-gurisdizzjoni li jaghmel tali decizjonijiet u dana ghamlu minghajr pregudizzju ghall-azzjoni ohra li setghu jiehdu in vista tad-danni li sofrew u li ghad jistghu jsofru minhabba l-agir skorrett u abbuziv tal-intimati, izda madankollu l-ghotja tat-tender giet esegwita ;*

*28. Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*(i) Tiddikjara li d-Direttur tal-Kuntratti kiser ir-Regolament 82(3) tal-Avviz Legali 177/2005 fil-konfront tal-esponenti nominee ;*

*(ii) Tiddikjara li l-iskwalifika tal-offerta tal-esponenti nomine kif mahruga mid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-konfront tal-esponenti nomine kienet wahda skorretta ;*

*(iii) Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti nomine in konsegwenza tal-agir skorrett tal-intimat jew min minnhom u / jew tal-iskwalifika skorretta tal-esponenti nominee ;*

*(iv) Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti nomine konsegwenza tal-ksur tar-Regolamenti da parti tad-Direttur tal-Kuntratti u / jew tal-iskwalifika skorretta, okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*(v) Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati ;*

*(vi) Finalment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, tordna r-rifuzjoni tal-hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) imhallsa merament bhala depozitu ghas-smigh tal-ilment, bl-interessi skont il-ligi mid-data tad-depozitu tal-istess sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 1 ta` Settembru 2006.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw l-atturi wara d-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta` Frar 2007.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta` Malta fis-16 ta` Marzu 2007 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-Awtorita` tissottometti illi hija mhijiex il-legittimu kontradittur f`din il-kawza u dan peress illi kif anke jidher mit-talbiet tar-rikorrenti l-Awtorita` mhiex il-korp jew entita` responsabbli li ddeciediet l-ezitu ta` dan it-tender.*

*2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi r-rikorrenti nomine rrikorrew quddiem il-Public Contracts Appeals Board fejn inghataw id-dritt li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u li sahansitra gew moghtija ragunijiet ezawrenti fuq il-proceduri u l-iskwalifika tat-tender.*

*3. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti nomine ghar-responsabbilta` u hlas ta` danni ghandhom jigu michuda stante illi l-Awtorita` Dwar it-Trasport mhiex l-Awtorita` kompetenti u responsabbli biex tiddeciedi l-evalwazzjoni tat-tender.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Awtorita` m`ghandha l-ebda somom ta` flus depozitati maghha.*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita` konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata li l-konvenuti l-ohra flimkien ipprezentaw fl-20 ta` Marzu 2007 u li taqra hekk –

*1. Illi l-allegazzjonjiet migjuba fir-rikors odjern huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.*

*2. Illi preliminarjament l-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Illi fuq il-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-process ta` evalwazzjoni u aggudikazzjoni tat-tender mertu ta` dina l-kawza sar ai termini tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici tal-2005, u ma kien hemm ebda agir irregolari jew skorret mill-esponenti versu s-socjeta` rikorrenti.*

*4. Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, is-socjeta` attrici giet skwalifikata mill-Kumitat Generali tal-Kuntratti stante illi ma mxietx mat-tender specifications.*

*5. Illi din id-decizjoni giet skrutinata mill-Public Contracts Appeals Board, liema Bord, wara li sema` x-xiehda kif ukoll trattazzjoni cahad l-appell.*

*6. Illi ai termini tal-artikolu 82(9) tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubblici (2005), id-decizjoni tal-Public Contracts Appeals Board hija finali u torbot lill-intimat Direttur tal-Kuntratti.*

*7. Illi stante illi l-esponenti ma kkommettew ebda rregolarita` versu s-socjeta` rikorrenti, ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda dannu li ghandu jwiegbu ghalih l-esponenti.*

*8. Illi di piu`, it-talba ghar-rifuzjoni tad-depozit ma tistax tintlaqa` stante illi tmur kontra r-regolament 82(4) tal-L.N. 177(2005).*

*9. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti l-ohra.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2007 fejn kien mahtur l-Av. Dr. Joseph M. Buttigieg bhala perit legali.

Rat illi wara din il-hatra, il-gbir tal-provi sar kollu mill-perit legali.

Rat il-verbali tas-seduti li mexxa l-perit legali, inkluz il-provi li gabar u n-noti ta` osservazzjonijiet li skambjaw il-partijiet qabel il-presentata tar-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni li l-perit legali pprezenta u li halef fil-11 ta` Jannar 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fil-11 ta` Jannar 2013 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali. It-talba kienet respinta minn din il-Qorti kif presjeduta b`digriet taghha tal-4 ta` Gunju 2014.

Rat id-domandi li pprezentaw l-atturi sabiex jeskutu lill-perit legali u r-risposti tal-perit legali.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet sussegwenti ghall-presentata u konferma bil-gurament tar-rapport peritali.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-3 ta` Gunju 2014 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Provi</u>

Fir-relazzjoni peritali, tirrizulta gabra komprensiva tal-provi. Il-Qorti mhijiex sejra tirriproduci dawk il-provi a skans ta` ripetizzjoni izda sejra biss taghmel riferenza ghalihom.

Dan premess il-Qorti sejra tissofferma fuq ix-xiehda bl-affidavit li pprezenta **Francis Attard** li huwa d-Direttur Generali (Kuntratti).

Francis Attard xehed illi fid-29 ta` Settembru 2005 kien ippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u Gurnal Ufficjali ta` l-UE sabiex issir sejha ghall-offerti : *invitation to tender : to develop, install and operate a controlled vehicular access system in Valletta.* Il-valur tat-tender kien jeccedi l-Lm 250,000 u ghalhekk kien bis-sistema tat-tlett pakketti : l-ewwel pakkett jikkonsisti fil-bid bond ; it-tieni pakkett jikkonsisti fl-ispecifikazzjonijiet teknici ; u t-tielet pakkett jikkonsisti fil-proposta finanzjarja. Is-socjeta` attrici kienet wahda mis-socjetajiet li xehtu l-offerta taghhom. L-offerta tas-socjeta` attrici kienet skwalifikata fit-tielet stadju ghaliex ghal items 2 u 3 tat-tender minflok inghata l-ammont fil-forma ta` lump sum tnizzel an annual fee. Fis-sejha ghall-offerti kien inghad car li l-offerta kellha tkun ta` lump sum payment.

Stqarr illi r-rakkomandazzjoni li t-tender kellu jinghata lil CVA Consortium giet ippublikata fis-17 ta` Mejju 2006 fuq in-notice board tad-Dipartiment tal-Kuntratti, fejn kien ukoll indikat li jekk kien hemm xi oggezzjoni, din kellha tasal ghand id-Dipartiment tal-Kuntratti sa mhux aktar tard mis-6 ta` Gunju 2006. L-ebda oggezzjoni ma waslet fiz-zmien stipulat izda rrizulta li s-socjeta` attrici ma kinitx giet mgharrfa li l-offerta taghha giet skwalifikata fi zmien jumejn xoghol mit-tehid tad-decizjoni skond ir-Reg 82(3) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici. Ghalhekk is-socjeta` attrici nghatat l-opportunita` biex tipprezenta appell u li taghmel l-argumenti taghha. U hekk sar. Il-Bord ta` l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici ta d-decizjoni tieghu fis-26 ta` Awissu 2006 fejn l-appell tas-socjeta` attrici kien michud ghar-raguni li l-Bord sab illi l-offerta tas-socjeta` attrici ma kinitx konformi ma` l-ispecifikazzjonijiet tat-tender. Skond ir-Reg 82(9) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, id-decizjoni tal-Bord hija finali u torbot lid-Direttur tal-Kuntratti. Fl-istadju tal-appell, l-ghoti tat-tender waqaf.

Kompla jixhed illi s-socjeta` attrici giet skwalififata hekk kif infetah it-tielet pakkett. L-istadju successiv kien li ssir ir-rakkomandazzjoni. Minn hemm

kellu jibda jiddekorri t-terminu ghall-appell. Ghalkemm ir-rakkomandazzjoni kienet saret, li kieku kien milqugh l-appell ta` s-socjeta` attrici, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ikun marbut b`dik id-decizjoni. Malli harget id-decizjoni tal-Bord ta` l-Appelli, kompliet il-procedura tal-iffirmar tal-kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom ta` l-awtorita` kontraenti u CVA Consortium.

Irrimarka li l-kuncett tal-lump sum payment kien interpretat korrettement mill-Bord peress li dak kien rekwizit essenzjali fit-tender in kwistjoni. Kull offerent kien jaf b`dan. Is-socjeta` attrici setghet talbet kjarifika ta` lump sum payment bhal ma ghamlet fir-rigward ta` hwejjeg ohra izda fil-kaz tal-lump sum payment ma talbet l-ebda kjarifika.

**Ikkunsidrat :**

**III. L-eccezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**

Din l-eccezzjoni hija t-**tieni wahda** li kienet inserita fir-risposta guramentata tal-Prim` Ministru u tad-Direttur tal-Kuntratti.

Kien eccepit mill-Prim` Ministru (u wara mill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment) illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici skond l-Art 181B tal-Kap 12.

It-tesi tal-eccipjent hija li ma kien involut bl-ebda mod fid-decizjonijiet li ttiehdu dwar it-tender in kwistjoni, waqt li l-argument tar-rikorrenti huwa illi dak il-konvenut partikolari kellu jigi mharrek fl-ewwel lok sabiex jigi evitat ir-riskju ta` nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju u fit-tieni lok ghaliex fil-kaz ta` kundanna ghal danni, il-hlas kellu jsir minn dak l-eccipjent.

**Fil-fehma tal-Qorti, l-argumenti tas-socjeta` attrici huma legalment insostenibbli.**

L-ewwel parti tal-**Art.181B(1) tal-Kap.12** taqra hekk –

*Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*

**L-Art.181(2) tal-Kap.12** ikompli hekk -

*L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigi diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

Huwa evidenti li, b`disposizzjonijiet tal-ligi hekk netti u cari, fil-kaz tal-lum ma kien ikun hemm l-ebda riskju ghall-integrita` ta` gudizzju li kieku l-Prim` Ministru (jew il-Ministru tal-Finanzi) thallew barra mill-kawza. Daqstant iehor hija ghal kollox irrilevanti min sejjer ihallas fil-kaz ta` kundanna ghall-hlas ta` danni ; ghaliex fil-kaz ta` kundanna, jekk il-kundannat ghall-hlas ikun id-Direttur tal-Kuntratti, allura jhallas il-Gvern ghaliex fil-procediment tal-lum qieghed jirrapprezenta lill-Gvern ; jekk tkun l-Awtorita`, thallas mill-fondi taghha bhala entita` li *ope legis* hija awtonoma u distinta mill-Gvern.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-eccezzjoni <u>preliminari</u>.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Anke l-Awtorita` konvenuta teccepixxi illi mhijiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici ghaliex tikkontendi li ma kenitx hi li hadet id-decizjoni dwar din l-offerta tas-socjeta` attrici.

Min-naha taghha, is-socjeta` attrici tinsisti li l-Awtorita` konvenuta kienet l-Awtorita` Kontraenti fit-tender, kienet parti mill-process ta` evalwazzjoni, u kienet l-istess Awtorita` konvenuta li ffirmat il-kuntratt finali mal-operatur li kien aggudikat it-tender.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, irrizulta li l-Awtorita` konvenuta kienet fil-fatt l-Awtorita` Kontraenti u kkostitwiet il-kumitat tal-aggudikazzjoni ghall-fini tat-tender. Imbaghad kien jispetta lill-Kumitat tal-Kuntratti skond ir-Reg 80(b) tal-Avviz Legali 177/2005 illi jivvaluta r-rakkomondazzjonijiet li jkunu saru mill-Awtorita` Kontraenti u jiehu decizjoni fuq l-ghoti tal-kuntratt.

Fil-fehma ta` l-Qorti, l-Awtorita` konvenuta ghandha konnessjoni diretta mat-tender u mad-decizjonijiet li ttiehdu ; kienet ukoll parti ntegrali tal-process billi kienet hi l-Awtorita` Kontraenti.

**Il-Qorti qeghda __tichad__ l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**Ikkunsidrat :**

**V. __L-ewwel (i) talba attrici__**

**__Ir-Reg 82(3) tal-Avviz Legali 177/2005__** jaqra hekk :-

*Decizjoni li twassal ghat-twarrib ta` offerta matul xi stadju tal-process ghandha tinghata pubblikament fl-ufficju ta` l-awtorita` kontraenti jew fid-dipartiment tal-kuntratti skond ma jkun il-kaz u l-offerent milqut ghandu jigi mgharraf b`dik id-decizjoni fi zmien jumejn tax-xoghol mill-pubblikazzjoni taghha.*

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali meta rrelata illi mill-provi akkwiziti, irrizulta li d-Dipartiment tal-Kuntratti kien naqas li jinnotifika skond ir-Reg 82(3) lis-socjeta` attrici bl-iskwalifika taghha. Infatti d-Dipartiment mexxa ghall-aggudkazzjoni tal-kuntratt abbazi ta` minuta li kienet saret fis-16 ta` Mejju 2006 mill-Kumitat tal-Kuntratti wara li kienet skwalifikata l-offerta tas-socjeta` attrici. Ix-xhieda Anthony Borg u Francis Attard ikkonfermaw li s-socjeta` attrici ma kinitx giet avvizata li l-offerta taghha kienet giet skwalifikata fit-terminu stipulat mir-Reg 82(3). Inoltre minn ezami tad-decizjoni tal-Public

Contracts Appeals Board ("PCAB") tat-23 ta` Awissu 2006 [Dok SG4] kien issenjalat dan in-nuqqas.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-ewwel talba attrici.**

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>It-tieni (ii) talba attrici</u>**

Il-Qorti gharblet b`reqqa s-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici dwar is-sinjifikat tal-frazi "*lump sum*" li ntuzat fl-i*specifications* tat-tender de quo, u li hija l-pern tat-tieni talba. Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-intimati, u dak rilevat mill-PCAB dwar l-istess frazi.

Minn ezami tat-tender in kwistjoni, jirrizulta li l-i*specifications* holqu distinzjoni bejn "*annual sum*" li kellha tigi ndikata ghar-rigward tal-access ikkontrollat tal-vetturi li jidhlu l-Belt Valletta u "*lump sum which shall be payable by the Contracting Authority in the manner stipulated in the contract, if and when the charging zone is increased to incorporate the area shaded green, that is Floriana*". L-argument tas-socjeta` attrici huwa li kkwotat "*annual sum*" anke ghal dak li jirrigwarda l-access ikkontrollat tal-vetturi li jidhlu l-Floriana. Issostni li l-"*annual sum*" tikkwalifika bhala "*lump sum*" ghaliex il-kuntratt kien ghal terminu stabbilit ta` ghaxar (10) snin u ghalhekk kien ferm facli li tigi kkalkolata l-"lump sum". Sar ukoll l-argument illi somma tkun "*lump sum*" ghax tithallas darba u ghalhekk it-tifsira tal-frazi hija relatata mal-modalita` tal-pagament.

**Il-fehma tas-socjeta` attrici <u>mhijiex</u> kondiviza mill-Qorti.**

Id-dokument ghas-sejha ghall-offerti kien car fir-rekwiziti tieghu fis-sens li ghal servizz minnhom intalbet offerta permezz ta` "*annual sum*" mentri ghas-servizz l-iehor intalbet "*lump sum*".

Anke *prima facie*, ma hemmx ekwivoci fid-distinzjoni li temergi bejn it-tnejn : "*annual sum*" tfisser offerta ta` somma flus tithallas fis-sena ; waqt li "*lump sum*" tfisser l-oppost u cioe` illi tithallas somma flus wahda ghal darba biss.

Tajjeb osserva l-perit legali illi d-diversi tifsiriet li jezistu ghall-frazi "*lump sum*" imorru kontra t-tesi tas-socjeta` attrici. Fix-*Shorter Oxford English Dictionary* il-frazi "lump sum" titfisser bhala : 1) *a sum covering or including a number of items ; 2) a sum of money paid to cover the complete cost of something.* Il-perit legali jirreferi wkoll ghad-definizzjoni ta` *lump sum contract* u cioe` "*where the contract sum is determined before the construction work is started.*" Ghalhekk "*lump sum*" trid tkun somma shiha li tkopri l-ispejjez kollha ta` servizz partikolari.

**In linea generali**, kuntratt "*lump sum"* huwa ftehim fejn parti taccetta li thallas lil parti ohra somma flus ghall-prestazzjoni jew servizz li tircievi. Dan it-tip ta` kuntratt huwa komuni fl-appalti fejn l-appaltaturi ma jkollhomx ghalfejn jipprovdu prospett tal-hlasijiet ghal diversi servizzi izda l-pagament tal-prezz tal-kuntratt ikun wiehed li jkopri x-xoghol kollu patwit. Dan it-tip ta` kuntratt huwa aktar facli li jithaddem ghaliex il-pagament isir darba` biss mat-twettieq tax-xoghol.

Is-socjeta` attrici ggib l-argument illi bil-kwotazzjoni taghha hija ma kellhiex iggarrab skwalifika ghaliex is-somma ndikata minnha setghet facilment tkun moltiplikata u b`hekk seta` jigi determinat bl-ezatt kemm kellu jkun il-pagament shih dovut. B`dan il-mod, is-somma kkwotata kienet taqa` taht il-kappa ta` "*lump sum*".

**Il-fehma tas-socjeta` attrici <u>mhijiex</u> kondiviza minn din il-Qorti.**

Kien jinkombi lis-socjeta` attrici bhala offerenti li tikkwalifika hi s-somma, u tikkwotaha bhala somma shiha, kif del resto kien rikjest fl-ispecifications tat-tender mhux tippretendi li l-kalkoli seta` jaghmilhom haddiehor.

Fil-fehma tal-Qorti, din l-attitudini approssimattiva tas-socjeta` attrici tikkwalifika bhala omissjoni jew nuqqas da parti taghha. Is-socjeta` attrici ma kellhiex tippretendi li l-Kumitat tal-Kuntratti kellu jaghmel tajjeb jew ikopri l-omissjoni jew nuqqas taghha billi jaghmel hu ezercizzju ta` kalkolu. F`materja ta` sejhiet ghall-offerti, l-ispecifications ghandhom ikunu cari u univoci u ghax ikunu hekk ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta. Altrimenti jkun hemm riskju reali li offerenti jigu trattati diversament. Il-procedura tippermetti li l-offerenti jitolbu kjarimenti fejn kondizzjonijiet ma jkunux cari. Fil-kaz specifiku rrizulta li s-socjeta` attrici ma talbet l-ebda kjarifika tat-terminologija. Il-Qorti tirrileva wkoll illi ghalkemm il-kondizzjonijiet tas-sejha kienu jistipulaw illi ghall-Belt kellha tinghata *"annual sum"* waqt li ghall-estensjoni tal-Floriana kellha tinghata "*lump sum*", is-socjeta` attrici ghazlet li ma taghmel l-ebda differenza bejn l-offerti taghha ghall-Belt u ghall-Floriana. Bl-imgieba taghha, is-socjeta` attrici ma gietx konformi mal-kondizzjonijiet tas-sejha.

L-argument l-iehor li gabet is-socjeta` attrici illi l-offerta taghha kienet orhos minn tal-kumpannija li hadet il-kuntratt huwa nsostenibbli ghaliex ladarba l-offerta taghha ma kenitx kif kienu jistipulaw l-kondizzjonijiet tas-sejha ghall-offerti, konsiderazzjonijiet ta` prezz huma rrilevanti.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni talba attrici.**

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>It-tielet (iii), ir-raba` (iv) u l-hames (v) talbiet attrici</u>**

Dawn it-tliet talbiet huma konsegwenzjali ghall-akkoljiment tal-ewwel zewg talbiet.

Riferibbilment ghat-tliet talbiet meta relatati ghall-ewwel talba, il-Qorti tirrileva li minn evalwazzjoni tal-provi, jirrizulta b`mod mill-aktar evidenti li meta s-socjeta` rikorrenti saret taf tard bl-iskwalifika tal-offerta taghha u lmentat dwar il-ksur tar-Reg 82(3), hija baghtet *objection*. L-*objection* kienet accettata u saret il-procedura ta` l-*objection*. Fl-*objection* kien rilevat in-nuqqas tad-Dipartiment tal-Kuntratti li jinnotifika lis-socjeta` attrici bl-iskwalifika taghha, kif ukoll il-fatt li s-socjeta`attrici kienet hallset id-depozitu skond ir-regolamenti sabiex issir it-talba ghal revizjoni mill-PCAB tad-decizjoni ta` skwalifika ta` l-offerta taghha.

Jirrizulta li l-PCAB mhux biss accetta li jisma` l-appell izda mar ghall-konsiderazzjoni tal-mertu tal-iskwalifika tal-offerta tas-socjeta` attrici.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici nghatat kull opportunita` li tressaq u tittratta l-kaz taghha bis-shih.

Is-socjeta` attrici taghmel l-argument illi meta ghamlet l-appell taghha kienet diga` saret ir-rakkomandazzjoni favur offerent iehor. Skond is-socjeta` attrici, dak il-fatt kien jikkostitwixxi pregudizzju fil-konfront taghha, peress li hija ma kenitx inghatat rimedju.

Bhala fatt huwa minnu li meta kien qed jinstema` l-appell, kien diga` maghzul haddiehor biex jinghata l-kuntratt, izda rrizulta wkoll illi f`dak l-istadju, il-kuntratt ma kienx ghadu ffirmat, u l-process kien ghadu miftuh fis-

sens li fl-eventwalita` li kellha tkun accettata l-oggezzjoni tas-socjeta` attrici, ir-rakkomandazzjoni ta` l-ghoti tal-kuntratt setghet tkun revokata.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali illi meta s-socjeta` attrici accettat li tipprevalixxi ruhha mill-opportunita` li nghatat li titlob revizjoni mill-PCAB, u effettivament ittrattat il-kaz taghha quddiem il-Bord, hija kienet indirettament qeghda taccetta li dik l-opportunita` ta` revizjoni kienet inghatat sabiex tigi sanata l-mankanza ta` notifika tad-decizjoni ta` skwalifika li kien ha l-Kumitat tal-Kuntratti. L-opportunita` ta` revizjoni *fuori termine* kienet koncessa sabiex is-socjeta` attrici tkun fil-posizzjoni li tressaq il-kaz taghha quddiem il-PCAB. Ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax tmur lura mit-triq li ghazlet, u ghalhekk minkejja li rrizulta li tassew id-Direttur tal-Kuntratti kien naqas li jinnotifikaha bl-iskwalifika tal-offerta taghha fiz-zmien previst mil-ligi, dak in-nuqqas kien issanat, u kwindi ma tistax tigi avvanzata pretensjoni ghal danni mis-socjeta` attrici.

Riferibbilment ghall-istess tliet talbiet meta relatati ghat-tieni talba, il-Qorti tirrileva illi ladarba rrizulta li l-offerta tas-socjeta` rikorrenti kienet skwalifikata minhabba nuqqas da parti taghha li tikkonforma ma` l-ispecifications rikjesti fit-tender, it-talbiet taghha ghal likwidazzjoni u hlas ta` danni ma jistghux jigu milqugha.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tielet (iii), ir-raba` (iv) u l-hames (v) talbiet attrici.**

**Ikkunsidrat :**

**VIII. Is-sitt (6) talba attrici**

Fil-qasam tal-kuntratti pubblici, matul is-snin, kien hemm zvilupp fil-legislazzjoni. Kien biss bl-Avviz Legali 299 tal-2003 li bir-Reg 104(8) il-Bord tal-Appelli nghata d-diskrezzjoni li jirrakkomanda inkella le rifuzjoni *in toto* jew *in parte* tad-depozitu. Jidher li l-legislatur ma riedx ihalli sitwazzjoni fejn jekk l-appell ma jigix milqugh, id-depozitu jintilef bhala konsegwenza awtomatika ; ried li tithalla diskrezzjoni skond ic-cirkostanzi tal-kaz. **L-Avviz Legali 177 tal-2005 ha post l-Avviz Legali 299 tal-2003**.

It-Taqsima XIV tal-**Avviz Legali 177/2005** tittratta dwar il-Bord tal-Appelli, inkluza l-procedura li trid tigi segwita.

Ir-**Reg 84(19)** tal-Avviz Legali 177/2005 jaqra hekk :–

*Kull offerent li jaghmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-decizjoni finali li tittiehed mill-Bord ta' l-Appell ghandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Dak id-dritt ma ghandux madankollu idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta' awtorità kontraenti milli jimplimenta d-decizjoni finali tal-Bord ta' l-Appelli.*

Fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici pprezentat ilment quddiem din il-Qorti mid-decizjoni tal-PCAB kemm ghar-rigward tal-iskwalifika (it-tieni talba) kif ukoll ghar-rifuzjoni tad-depozitu (is-sitt talba).

Il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha dwar it-tieni talba.

Ghar-rigward tas-sitt talba, il-posizzjoni legali tal-Avviz Legali 177/2005 baqghet prattikament l-istess kif kienet skond l-avviz Legali 299/2003.

Ir-**Reg 84(17)** ighid hekk –

*Id-decizjonijiet kollha li jittiehdu mill-Bord ta' l-Appelli ghandhom jitnizzlu bil-miktub. Fihom ghandu jkun hemm il-fatti kollha u r-ragunijiet li fuqhom il-Bord ta' l-Appelli jimmotiva d- decizjoni tieghu. Id-decizjonijiet kollha ghandhom jittiehdu b'rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta' l-awtorità kontraenti u l-offerenti kollha involuti.*

Huwa evidenti li d-Direttur tal-Kuntratti huwa **marbut** illi jwettaq id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ; m`ghandux diskrezzjoni.

Fil-konsiderazzjoni tas-sitt talba attrici, il-Qorti sejra tara jekk il-Bord tal-Appelli kellux ragunijiet tajbin bizzejjed biex jirrakkomanda fid-decizjoni tieghu li d-depozitu ma jinghatax lura lis-socjeta` attrici.

Il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li jsir fil-procedura tal-kawzi ta` natura civili li jitressqu quddiem il-qrati taghna. L-ispejjez gudizzjarji huma regolati bl-**Art 223 tal-Kap 12**.

Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna, ir-regola hi l-ispejjez jithallsu mill-parti telliefa. Hemm pero` sitwazzjonijiet fejn ikun aktar gust u ekwu li l-ispejjez jigu divizi, jekk mhux addirittura li jkun hemm kapovolgiment fis-sens li

l-parti rebbieha tigi kkundannata li thallas l-ispejjez hi. Ghalhekk il-qrati ghandhom fil-kuntest ta` dak li jipprovdi l-Art 223 tal-Kap 12 id-diskrezzjoni li jiddeciedu dwar il-kap tal-ispejjez skond il-kaz.

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Settembru 2004 fil-kawza "**HLB Falzon & Falzon vs Xuereb**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk –

*"L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Skond id-dispost tat-tielet subinciz "il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra".*

*Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445 ; Vol XXXIX pI p340 ; Vol XXVI pI p173).*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l- ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.*

*Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito" (Kollez Vol XXV pI p793).*

Ir-**Reg 82(4)** tal-Avviz Legali 177/2005 jistipula li d-depozitu ghandu biss jithallas lura jekk il-Bord ta' l-Appelli jiddeciedi favur l-offerent jew persuna ohra li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari.

Fil-kaz tal-lum, il-Bord ta decizjoni sfavorevoli ghas-socjeta` attrici u rrakkomanda li d-depozitu ma kellux jithallas lura lis-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici tirreferi ghar-**Reg 83(2)(g) tal-Avviz Legali 177/2005** li jaqra hekk :-

*Fi zmien ghaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-risposti d-Direttur jew il-Kap ta' l-awtorità kontraenti ghandhom jippreparaw rapport (Rapport ta' Analisi) fejn tigi analizzata l-ittra ta' oggezzjoni u r-risposti relattivi. Dan ir-rapport ghandu jigi cirkolat lill-offerenti li jkunu pprezentaw oggezzjoni u li jkollhom interess registrat. Wara li jitlesta l-process preparatorju kif imiss, il-Kap ta' l-awtorità kontraenti ghandu jibghat lid-Direttur tal-Kuntratti d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghas-sejha ghal offerti inkwistjoni inkluzi l-inkartamenti, l-offerti pprezentati, il-kopji ta' ircevuti tad-depozitu, l-ittri motivati, ir-rapporti ta' analisi, ecc.*

Is-socjeta` attrici ggib l-argument illi kien hemm ksur tar-**Reg 83(2)(g)** ghaliex ma giex ipprezentat ir-rapport ta` analizi.

Id-Direttur Generali (Kuntratti) wiegeb illi dak ir-rapport ta` analizi ghandu funzjoni amministrattiva <u>biss</u> u mhux rikjest *ad validitatem*.

Il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-mod kif kien kondott il-procediment quddiem il-PCAB u ma ssibx li fil-kors tas-smigh kien hemm xi nuqqas sostanzjali li seta` dghajjef il-qaghda tas-socjeta` attrici jew li ppregudika il-posizzjoni taghha.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-risposti tal-perit legali ghad-domandi in eskussjoni, partikolarment fejn il-perit legali qajjem il-punt dwar jekk il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-principju tal-ekwita`, ghandhiex il-jedd li titbieghed minn dak li jghid ir-**<u>Reg 82(4)</u>** tal-Avviz Legali 177/2005, u tordna li r-rifuzjoni tad-depozitu.

Il-Qorti diga` tat ir-ragunijiet taghha ghaliex it-tieni talba kellha tkun respinta. Daqstant iehor kienet motivata d-decizjoni tal-PCAB dwar l-appell tas-socjeta` attrici.

Fil-fehma ta` l-Qorti, ir-**<u>Reg 82(4)</u>** huwa car. Ladarba l-PCAB irrigetta l-appell, u ladarba anke l-Qorti sabet li l-iskwalifika kienet gustifikata, il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tintervjeni hi sabiex tbiddel il-provvediment tal-PCAB dwar id-depozitu. Fl-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti mhijiex qeghda tirriskontra attenwanti li kellhom jidderiegu lill-Bord biex jiddeciedi diversament dwar id-depozitu.

Lanqas ma hija taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti illi l-fatt li hija ma gietx notifikata bl-iskwalifika taghha fiz-zmien previst mir-**Reg 83(3),** u l-fatt li waqt l-appell, ma kienx pprezentat rapport ta` analizi, ghandhom jiffavorixxu r-rifuzjoni tad-depozitu li hallset. In-nuqqas ta` notifika kien issanat kif diga` rajna, waqt li l-fatt li ma kienx prezentat ir-rapport ta` analizi waqt l-appell ma kienx jikkostitwixxi irregolarita`.

**Il-Qorti qeghda tichad is-sitt (6) talba attrici.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni ta` l-konvenut l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici, li b`digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta` Gunju 2008 minflok il-kliem "L-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi bhala Ministru responsabbli ghal Finanzi u Affarijiet Ekonomici" dahlu l-kliem "L-Onorevoli Tonio Fenech bhala l-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment" u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti safejn dawn jolqtu mit-tieni (2) sas-sitt (6) talbiet attrici.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tal-Awtorita` dwar it-Trasport.**

**Tilqa` l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut safejn dawn jolqtu mit-tieni (2) sas-sitt (6) talbiet attrici.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici.**

**Tichad it-talbiet l-ohra attrici.**

**Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------